MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 29/2002/1

**Rikors kostituzzjonali numru 29/02 GC**

**John Bugeja**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' John Bugeja fejn gie premess:

Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar is-16 ta' Novembru 1983 akkuzat talli matul l-ahhar xhur ta' qabel dik id-data:-

1. ikkommetta flimkien ma' ohrajn sensiela ta' serqiet b'diversi kwalifiki;
2. flimkien ma' ohrajn wettaq arrest illegali ta' persuna;
3. flimkien ma'ohrajn wettaq stupru ta' persuna;
4. flimkien ma' ohrajn ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq persuna;
5. garr jew zamm arma tan-nar minghajr licenzja;
6. saq karozza minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni;
7. ikkaguna hsara kemm volontarja kif ukoll involontarja fuq il-proprjeta' ta' terzi;
8. sar recidiv billi b'sentenzi tal-Qorti Kriminali hu kien gie misjub hati ta' delitt;

Illi l-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' April 1993, fejn il-Qorti b'sentenza taghha kienet sabet lil John Bugeja hati ta' reati ta' serq kontinwat kwalifikat bil-vjolenza, valur, lok, u hin, sekwestru tal-persuna aggravat, attentat ghall-pudur bi vjolenza, offiza hafifa fuq il-persuna, hsara involontarja, sewqan bla licenzja u minghajr 'insurance cover', pusses mhux awtorizzat ta' arma tan-nar u ta' recidiva, u kkundannatu ghal prigunerija ghal zmien sitt snin oltre multa ta' Lm150 u sena skwalifka milli jkollu licenzija tas-sewqan, u dana dejjem ghaxar snin wara li kien tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti;

Illi fil-5 ta' Mejju 1993, l-esponent ipprezenta rikors ta' appell li bih talab li l-Qorti jogghobha tirrevoka u thassar is-sentenza hawn fuq premessa jew fin-nuqqas tirriformaha in kwantu jirrigwarda l-piena;

Ill fil-11 ta' Jannar 1994, l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-ewwel darba;

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminalli iddisponiet finalment mill-appell tal-esponent billi kkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-interita' taghha u dana b'sentenza tat-2 ta'Ottubru 2002, u cioe' kwazi ghaxar snin wara li gie ntavolat ir-rikors t'appell ta' l-esponent;

Illi t-trapass ta’ zmien sakemm inqatghet il-kawza kien wiehed eccessiv u irragonevoli propju ghaliex ha ghoxrin sena liema trapass ta’ zmien kien in gran parte hela ta’ hin mhux gustifikat;

Illi ghalhekk l-esponent qieghed bhalissa jiskonta piena karcerarja ghal zball li huwa kkommetta ghoxrin sena ilu meta kien ghad kellu biss tmintax-il sena filwaqt li llum huwa ragel mizzewweg ta’ 38 sena b’sitt itfal. L-esponent jissottometti illi wara ghoxrin sena c-cirkostanzi personali u socjali jinbidlu radikalment b’dana illi r-rimedju tal-piena jitlef kull effikacja u ghalhekk ma jaghmel ebda sens illi persuna tigi punita wara tant zmien. M’ghandux ikun iddubitat illi r-razjocinju tal-piena ghar-reati u d-delitti ma jista’ qatt ikun sodisfatt jekk il-bniedem ma jigix ikkundannat fil-perjodu ta’ meta jkun sehh id-delitt sabiex il-piena tkun verament gustifkata u proporzjonata;

Illi tali dewmien inutli ipoggi fil-periklu l-effettivita’ u l-kredibilita’ tal-gustizzja, specjalment fejn si tratta ta’ piena hekk serja, u fejn meta bhal fil-kaz odjern l-appell instemma minn zewg gudikanti differenti. B’dana d-dewmien inholqot sitwazzjoni fejn l-Imhallef li ta s-sentenza finali ma kienx l-istess wiehed li kien originarjament ha konjizzjoni ta’ l-appell u b’hekk zgur li tnaqqset l-effikacja tad-‘doppio esame’. In fatti anki minn ezami akkurat tal-atti proceswali jidher illi l-andament tal-kawza kien wiehed konfuzjonali ferm  tant illum wiehed ma’ jistax jghid b’certezza x’gara u ma’ garax;

Illi t-traspass taz-zmien in kwistjoni b’piena ta’ sitt snin habs mdendla fuq rasu, holoq pressjoni psikogika enormi fuq l-esponent, martu u s-sitt uliedu liema pressjoni ghadhom issofru sal-llum.  Dan biex ma jissemmiex l-effett negattiv li kellu dan id-dewmien fuq ir-reputazzjoni ta’ l-esponent u familtu;

Illi minhabba d-dewmien, hekk kif hawn fuq indikat, l-esponent hass li gew lilu lezi d-drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli hekk kif sanciti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-

Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal–Kostiuzzjoni ta' Malta;

Illi l-insenjament tal-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward jissottolinea l-fatt li huwa dover tal-istess qrati illi ma jkunx hemm dewmien fid-decizjoni tal-kawzi u dan ghandu jkun dover ewlieni tal-Qrati b'mod partikolari fil-kamp penali fejn persuna akkuzata tkun qieghda fi stat ta' ncertezza kostanti;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li din il-Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara illi fil-proceduri hawn fuq indikati gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghal-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Thassar per konsegwenza s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 t'Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Bugeja et.' U dana previa li taghti kwalunkwe dikjarazzjoni ohra li thoss opportuna u li taghti d-direttivi u r-rimedji kollha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn gie sottomess:

Preliminarjament il-Kummisarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li l-lanjanzi tar-rikorrenti jirrigwardaw sentenza pronunzjata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn il-prosekuzzjoni ssir mill-intimat Avukat Generali u mhux mill-Pulizija;

Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghad-dawmien lamentat jahti unikament ir-rikorrent, li bil-manuvri dilatorji tieghu ghamel li seta' biex itawwal bla bzonn il-proceduri li kien ghaddej minnhom;

Ghal diversi drabi r-rikorrent talab li ssir referenza kostituzzjonali u mbaghad wara hafna titubazzjoni spicca ma ghamel xejn.  L-agir tal-konsulenti legali tieghu fejn

talbu differiment wiehed wara l-iehor ukoll servew biex il-proceduri jitwalu bla bzonn;

Illi anke skond il-gurisprudenza assodata ta’ l-organi ta’ Strasbourg, ir-ragonevolezza tal-tul tal-proceduri gudizzjari tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b’sempliici kontegg tan-numru tas-snin li tkun dament kawza biex tigi deciza mill-Qorti (Konig vs FRG Series A 27 para. 99, 1978);

Fatturi bhal-komplessita’ tal-kawza u l-agir tar-rikorrenti huma determinanti daqs kemm hu determinanti l-agir tal-gudikanti. Li hu accertat hu li m’hemm l-ebda “time limit” li l-qrati jridu ta’ bilfors iharsu, ghaliex altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta. Ghalhekk mhux bizzejjed li r-rikorrent jghid li l-kawza tieghu damet tant snin biex giet deciza u b’hekk gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu, aktar u aktar meta d-dewmien kien htija ta’ l-istess rikorrent;

Fil-kawzi Konrig v FRG 1 u Buchholz v FRG2 intqal li : (1 Series A 27, para 103 2Series A 42, para 56) - ‘… the state is not responsible for delay that is attributable to the conduct of the applicant. While an applicant is entitled to make use of his procedural rights, any consequential lengthening of proceedings cannot he held against the state.. The responsibilities of the applicant in.. are to “show diligence in carrying out the procedural steps relevant to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening proceedings. (3 Law of the European Convention on Human Rights, Harris et al. Deumeland V FRG Series A 1000, para 80);

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “AIC Joseph Barbara et vs Onor Prim Ministru” deciza fis-7 ta’ Ottubru 1997 tenniet li: ‘Dan ma jfissirx li min jippretendi li d-dritt fundamentali tieghu kien gie vjolat jew kien mhedded ma kellux jadixxi lill-Qorti (Kostituzzjonali) u jitlob rimedju

minnufih, mhux ghax hekk kien obbligat li jaghmel imma ghax hekk kien fl-interess tieghu li jagixxi. Hu ovvju illi jekk din il-persuna ma tagixxix tempestivament, hi tkun b’daqshekk biss qed iddaghjef il-kaz taghha, forsi anki irrimedjabilment, u jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta mis-serjeta’ u mill-gravita’ tal-lezjoni tad-dritt fundamentali jew tat-theddida ghalih kif rifless mill-urgenza ta’ l-individwu biex ifittex redress l-ilment jista’ ukoll jitqies li jkun wiehed frivolu u vessatorju. Dan ghaliex hu kontrosens li wiehed jilmenta minn vjolazzjoni ta’ dritt fondamentali u fl-istess waqt bla ebda raguni gustifikattiva ma jirreagixxix immedjatament biex tali vjolazzjonji tigi rettifikata”;

Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizju ghall-premess, ir-rikorrent ma jistax jinqeda bi procedura kostituzzjonali biex il-Prim’ Awla isservi bhala qorti tal-tielet istanza b’gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk din il-qorti ma tistax thassar u tannulla sentenza ta’ qorti kriminali kompetenti meta’ jista’ jkun hemm rimedji ohra aktar konfacenti mal-gurisdizzjoni taghha. Illi mandankollu l-ebda rimedju ma jispetta lir-rikorrent billi l-lanjanzi tieghu huma fondament guridkiku jew fattwali;

Ghalhekk l-intimati talbu li l-Kummissarju tal-Pulizija jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u li din il-Qorti tichad fil-mertu t-talbiet tar-rikkorenti ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-allegati atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia et" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2002;

Semghet ir-rikorrenti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-intimati;

Rat ir-replika tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri ta' l-intimati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' April 2003;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti jippremetti li huwa fis-16 ta' Novembru 1983 kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat b'diversi reati li kienu allegatament sehhew matul ix-xahar ta' qabel cioe f'Ottubru 1983. Kwazi ghaxar (10) snin wara, u cioe fit-23 ta' April 1993, din il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati u r-rikorrenti nstab hati ta' reati ta' serq kontinwat u kwalifikat bil-vjolenza, valur, lok, u hin, sekwestru tal-persuna aggravat, attentat ghall-pudur bi vjolenza, offiza hafifa fuq il-persuna, hsara involontarja, sewqan bla licenzja u minghajr 'insurance cover', pusses mhux awtorizzat ta' arma tan-nar u ta' recidiva. B'din is-sentenza r-rikorrenti gie kkundannat ghal prigunerija ghal zmien sitt (6) snin oltre multa ta' Lm150 u sena skwalifika milli jkollu licenzja tas-sewqan;

Ir-rikorrenti appella u talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza u fin-nuqqas talab li l-istess sentenza tigi riformata kwantu ghall-piena. Dan l-appell gie differit l-ewwel darba ghas-sentenza fil-11 ta' Jannar 1994. L-appell, pero', gie deciz aktar minn tmien (8) snin wara u precizament fit-2 ta' Ottubru 2002 u dana billi l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat "in toto" l-ewwel sentenza;

Ir-rikorrenti jikkontendi li t-trapass taz-zmien kemm damet ma tinqata din il-kawza kien wiehed eccessiv u irragonevoli. Skond ir-rikorrenti l-kwazi ghoxrin (20) sena li hadet din il-kawza sabiex tigi deciza finalment kien in gran parte hela ta' hin ingustifikat. Ir-rikorrenti jghid li huwa issa qed jiskonta piena karcerarja ghal zball li huwa kkometta ghoxrin sena ilu meta huwa kien ghad ghandu biss tmintax-il sena mentri illum huwa ragel mizzewweg ta' 38

sena b'sitt itfal. Ir-rikorrenti jikkontendi li wara ghoxrin sena il-piena karcerarja titlef kull effikacja;

Ir-rikorrenti jkompli jissottometti li fil-kaz odjern l-appell in kwestjoni gie trattat minn zewg gudikanti differenti. Ghalhekk minhabba d-dewmien l-Imhallef li ta s-sentenza ma kienx l-istess wiehed li kien ha konjizzjoni ta' l-appell u b'hekk, skond ir-rikorrenti, tnaqqset l-effikacja tad-'doppio esame';

Ir-rikorrenti jsostni li, minhabba dan id-dewmien, gew lilu lezi d-drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal–Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li gew lezi dawn id-drittijiet tieghu u konsegwentement talab li tithassar l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2002 previa kull dikjarazzjoni ohra opportuna u previa li jinghataw dawk id-direttivi u rimedji xierqa;

Fir-risposta taghhom l-intimati preliminarjament issottomettew li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur stante li l-lanjanzi tar-rikorrenti jirrigwardaw sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn il-prosekuzzjoni ssir mill-intimat Avukat Generali u mhux mill-Pulizija;

F'dan it-tip ta' kawzi, u in partikolari f'din il-kawza, sabiex jigi determinat minn hu legittimu kontradittur il-kriterju m'ghandux jirreferi ghall minn kien il-prosekutur meta nghatat is-sentenza finali. Hu evidenti li l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrefrix biss ghas-sentenza li nghatat b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell, lanqas ma tirreferi biss ghal dak li gie deciz b'din is-sentenza, izda tirreferi ghall-process kollu li skond ir-rikorrenti ha wisq zmien u ghalhekk gie lez id-dritt fundamentali tieghu tas-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Il-lanjanza tar-rikorrenti tmur oltre l-imsemmija sentenza definittiva u tirrigwarda ukoll il-proceduri li saru quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn il-prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija, u tirrigwarda z-zmien li ttiehed sabiex il-kawza in kwestjoni tigi deciza;

Ghalhekk din is-sottomissjoni preliminari tal-intimati, hekk kif inhi formulata, ma tista qatt tigi akkolta u ghalhekk trid tigi rigettata;

Fir-risposta taghhom l-intimati komplew jissottomettu li ghad-dewmien lamentat mir-rikorrenti jahti unikament l-istess rikorrent, li adotta manuvri dilatorji li wasslu biex il-proceduri jittawlu bla bzonn. L-intimati jsostnu li ghar-rigward tar-ragionevolezza tad-dewmien tal-proceduri ghandhom jigu esaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, kif ukoll fatturi ohra bhal komplessita' tal-kawza;

Ma hemmx dubju li f'kaz li l-proceduri penali ttawlu minhabba l-agir tar-rikorrenti, anke jekk l-istess rikorrenti kellu d-dritt li jiehu certi inizijattivi, id-dewmien m'ghandux imur a favur tieghu. Inoltre, lanqas ma hemm dubju, li sabiex jigi stabbilit jekk il-proceduri hadux zmien esagerat biex jigu decizi, fi kliem iehor sabiex tigi stabbilita r-ragionevolezza tat-tul tal-proceduri, mhux bizzejjed li jsir semplici kuntegg taz-zmien. Iridu ukoll jigu esaminati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

F'dan ir-rigward din il-Qorti esaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza penali in kwestjoni cioe l-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia et”.  F'dawn il-proceduri giet esibita kopja fotostatika ta’ l-atti kollha ta' l-imsemmija kawza penali.  Minn dak kollu li gie esibit, jidher, pero’, li hemm atti li huma neqsin u inoltre l-atti li hemm mhux kollha qeghdin fl-ordni kronologiku tajjeb. Ghalhekk hu xi ftit difficili li wiehed jifhem speditament b’mod preciz kif kien l-andament tal-imsemmija kawza;

Minn dawn l-atti jirrizulta li r-rikorrenti flimkien ma ohrajn tresaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja

fis-16 ta’ Novembru 1983. Il-Qorti tal-Magistrati iddeciediet il-kawza fit-23 ta’ April 1993 cioe’ kwazi ghaxar (10) snin wara l-presentata. Mill-imsemmija sentenza sar appell mill-imputati kollha. L-appell gie finalment deciz fit-2 ta’ Ottubru 2002 cioe’ kwazi dsatax il-sena wara li nbdew il-proceduri. Fl-istadju tal-appell il-kawza giet differita l-ewwel darba ghas-sentenza fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 1993. Ghalhekk kien hemm numru rilevanti ta’ differimenti u l-maggior parti taghhom id-differimenti kienu bl-ordni tal-Qorti;

Minn dan kollu jirrizulta sufficjentement li kien hemm dewmien mhux ragjonevoli fil-proceduri quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, b'mod partiklari quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Jirrizulta li meta l-proceduri waslu fl-istadju li tinghata s-sentenza mill-imsemmija Qorti ta' l-Appell il-proceduri bdew ghaddejjin, wiehed jista jghid bis-“sulluzzu”, u pratikament ma sar xejn ghall aktar minn tmien (8) snin. F'dawn ic-cirkostanzi hi l-fehma ta' din il-qorti li z-zmien kemm damu ghaddejjin dawn il-proceduri, b'mod partikolari z-zmien kemm il-kawza damet pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex finalment inghatat is-sentenza, ma jista qatt jitqies bhala zmien ragjonevoli u l-ebda cirkostanza ma tista tiggustifika dan id-dewmien. Jista jinghad ukoll li t-trapass ta' kwazi ghoxrin sena sabiex inghatat s-sentenza finali, oggettivament, hu zmien esagerat biex jigu decizi proceduri kriminali ta' kwalunkwe natura jew xorta huma;

Lanqas ma jirrizulta li d-dewmin jista jigi attribwit lir-rikorrenti. Hu minnu li fil-proceduri quddiem l-ewwel qorti, cioe' l-Qorti tal-Magistrati, r-rikorrenti pprovoka referenzi kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Hu minnu ukoll li dawn il-proceduri hadu z-zmien sabiex jigu konkluzi, pero' zgur li dan id-dewmien ma jistax jigi attribwit lir-rikorrenti. Inoltre r-rikorrenti ghandu d-dritt li jitlob referenza lill-imsemmija qorti jekk huwa jidhirlu li d-drittijiet fundamentali tieghu qed jigu lezi. Jekk issir tali referenza hu l-interess ta' kull minn hu involut fil-proceduri, u mhux biss tal-imputat, li ma jkunx hemm dewmin zejjed u b'mod partikoari hu obbligu tal-Qorti li tassigura li jkun hemm l-

ispeditezza misthoqqa sabiex jinghalqu l-proceduri li jkunu ghaddejin quddiemha;

L-intimati jsostnu li r-rikorrenti kkontribwixxa totalment ghad-dewmien. Huma jsostnu li r-rikorrenti baqa’ passiv ghal snin shah, tul il-process kollu, u ma intavola l-ebda att gudizzjarju u ma ha ebda pass li seta’ haffef is-smigh tal-kawza. Hu minnu li imputat ghandu jiehu interess f'dak li jkun qed jigri fil-proces penali tieghu. Zgur pero' li l-imputat ma ghandu ebda mezz kif jista jgieghel li tinghata s-sentenza. F'dan ir-rigward hu l-obbligu tal-qorti li tara li s-sentenza tinghata, skond ic-cirkostanzi, fi zmien ragjonevoli;

Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ir-rikorrenti kkontribwixxa sabiex il-proceduri jittwalu, l-Qorti kellha tassigura li ma jkunx hemm tattici dilatorji. Il-Qorti, fil-funzjoni taghha, ghandha obbligu li tipprotegi l-partijiet kollha minn dan it-tip ta' manuvri li jipprolungaw inultilment il-proceduri. Dan, b'mod partikolari, fil-kamp kriminali fejn l-iskop tal-garanzija, dwar iz-zmien ragjonevoli, hu sabiex persuna akkuzata ma ddumx izzejjed fi stat ta’ incertezza. Fi kwalunkwe kas, ukoll, jidher li l-Qorti naqset milli tittratta il-kaz bl-ispeditezzza u b’mod effettiv sabiex ikunu jistghu jigu eliminati strategii dilatorji. Hawnhekk zgur li ma kienx il-kaz li l-interessi tal-gustizzja setghu gew pregudikati minhabba ghagla zejda u inkonsulta;

L-intimati rreferew ghal-kumplessita' tal-kawza. Jista jkun li l-kawza kienet kumplessa peress li kienet tinvolvi diversi imputati, diversi reati u diversi cirkostanzi. Dan pero' zgur li ma jiggustifikax id-dewmien esagerat. Jigi rilevat li kien hemm differimenti li jidhru mill-ewwel li saru ghal xejn. Jidher li in effett il-kaz ma nghatax wisq priorita', nonostante li in vista taz-zmien li kien qed jghaddi messu gie deciz qabel ohrajn;

Ghalhekk hu gustifikat l-ilment tar-rikorenti li l-proceduri kriminali kontra tieghu ma ntemmux fi zmien ragjonevoli;

Fadal li jigi deciz ir-rimedju li ghandu jinghata lir-rikorrenti. Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jaghti lill din il-Qorti s-setgha li taghmel jew tghati kwalsiasi ordni jew direttiva sabiex tassigura li jinghata rimedju ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali. Jidher li l-ligi trid tassigura li f'kaz ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ikun hemm rimedju li hu xieraq, adegwat, effettiv u effikaci;

Kif gia gie rilevat ir-rikorrenti qed jitlob bhala rimedju li tigi mhassra l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2002. F'dan ir-rigward l-intimati ssottemettew li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri biex din il-qorti sservi bhala qorti tal-tielet istanza. Skond l-intimati b'dawn il-proceduri ma tistax tithassar u tigi annullata l-imsemmija sentenza tal-qorti kompetenti u semmai jistghu jinghataw rimedji ohra;

Zgur li din il-Qorti mhux qorti ta' tielet grad fil-process kriminali. Din il-qorti pero' ghandha tghati rimedju u direttivi li huma effikaci ghall-lezjoni ta' certu gravita' li rrizultat f'dan il-kaz. Hawnhekk ghandu jinghata rimedju effikaci u effettiv talli d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli gie lez fil-konfront tar-rikorrenti;

F'dan ir-rigward trid issir referenza ghal certu cirkostanzi partikolari tal-kaz u ghal certu rizultanzi. Ghaddew kwazi ghoxrin (20) sena sakhemm il-kawza kontra r-rikorrenti giet deciza u s-sentenza finali nghatat aktar minn tmien snin wara li l-appell gie differit ghall-ewwel darba ghas-sentenza. Il-fatt li l-appell instema minn imhallef partikolari, mentri s-sentenza nghata minn imhallef iehor ukoll hi cirkostanza li trid tittiehed in konsiderazzjoni, peress li b'dan il-mod tnaqset mhux ftit l-effikacja tad-difisa tar-rikorrenti;

Irid ukoll jigi kunsidrat li r-rikorrenti kkommetta r-reati in kwestjoni meta kien ghadu zghazugh ta' sbatax/tmintax il-

sena mentri s-sentenza nghatat meta r-rikorrenti kien ragel mizzewweg ta' tmienja u tletin sena b'sitt itfal. Ma hemmx dubju, ghalhekk, li c-cirkostanzi personali u dawk ta' xorta ohra tbiddlu u, jista jinghad, li tbiddlu b'mod radikali. Jista jkun li l-fatt li r-rikorrenti qed jiskonta sentenza ta prigunerija issa ma tantx jghamel sens la guridakament u lanqas socjalment. Barra minn hekk hawnhekk si tratta ta' lezjoni ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, dritt li hu rikonoxxut mill-ghola ligi tal-pajjiz;

Ghandu ukoll jigi konsidrat li r-rikorrenti ghamel zmien taht arrest preventiv u issa ilu diversi xhur jiskonta s-sentenza ta' prigunerija inflitta fuqu;

Ir-rimedju ghandu jkun wiehed effettiv u effikaci. Ghandu jkun ukoll wiehed xieraq u adegwat anke in vista tal-fatt li process kriminali jimporta ghall-akkuzat hafna qtugh ta’ qalb u r-rikorrenti nzamm f'dan l-istat ghal hafna zmien. Ma hemmx dubju li dan il-process twil izzejjed kellu l-effetti tieghu morali fuq ir-rikorrenti u l-familja tieghu. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li semplici dikjarazzjoni li gew miksura fil-konfront tar-rikorrenti d-drittijiet fundamentali tieghu mhux bizzejjed. Lanqas ma hu bizzejjed jew effettiv rimedju li bih r-rikorrenti jinghata kumpens fi flus;

Ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti cioe' li tithassar l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali mhux opportun u dana peress li din is-sentenza tirrizulta legittima u regolari u ghalhekk m'ghandiex tkun annullata. Inoltre jekk tithassar din is-sentenza jista jkun hemm xi diffikolta dwar x'ser jigri bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati;

F'dan l-istadju issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzjonali fejn ir-rimedju li nghata kien li thassret sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk il-piena li kienet giet inflitta thassret. Vide "John Saliba vs Avukat Generali et" deciza fis-6 ta’ Lulju 1998. F’din il-kawza nghata l-imsemmi rimedju peress li oltre li lill-Qorti rrizultalha li kien hemm dewmien irragjonevoli, irrizultalha ukoll li kien hemm ksur ulterjuri tad-drittijiet

fundamentali fl-istess sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha u tenut kont tal-imsemmija provedimenti tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jidher li r-rimedju l-aktar opportun u gust f'dan il-kaz hu li jigi dikjarat li r-rikorrenti m'ghandux jibqa jiskonta ulterjorment il-piena inflitta fuqu bhala konsegwenza tal-istess process penali u ghalhekk ir-rikorrenti ghandu jigi immedjatament mehlus;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad is-sottomissjonijiet kollha sollevati mill-intimati u billi fit-tieni lok tiddikjara li bil-proceduri penali in kwestjoni gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghal-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement tiddikjara u tordna li r-rikorrenti m'ghandux jibqa jiskonta ulterjorment il-piena inflitta fuqu bhala konsegwenza tal-istess proceduri penali u ghandu jigi immedjatament mehlus;

Spejjez kollha kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------